MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 17/2008

Mario’s Rent-A-Car Limited

vs

Bella Cassar, u b’digriet tas-17 ta’ Settembru 2008, gie kjamat fil-kawza Anthony Cassar, ir-ragel tal-konvenuta Bella Cassar

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-8 ta’ Mejju 2008, li jghid hekk :-

‘Ghid inti konvenuta l-ghaliex ma ghandekx tigi kkundannata thallas l-ammont ta’ hames mija u sbatax –il Euro u tnax –il centezmu (€517.12) ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u ghoxrin lira Maltija (Lm222) dovuti lilha bhala prezz ta’ kiri ta’ karozza u *tickets* fuq l-istess karozza; flimkien mal-interessi fuq din is-somma b’effett mill-20 ta’ Dicembru 2006 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez gudizzjarji nkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tat-3 ta’ Jannar 2008, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ngunta.’

Il-konvenuta permezz tar-risposta taghha pprezentata fil-25 ta’ Gunju 2008, eccepixxiet :-

‘1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju, ghandu jigi kjamat in kawza Anton Cassar u cioe’ r-ragel tal-konvenuta *stante* li sa llum ghadha tezisti bejn il-partijiet il-komunjoni tal-akkwisti, u Town House Limited ;

2. Illi inoltre l-istess vettura ma gietx mikrija minn Bella Cassar izda minn Anton Cassar, u dana sabiex l-istess Bella Cassar tkun tista’ taghmel ix-xoghol li kien moghti lilha minn Anton Cassar u/jew il-kumpaniji tieghu ;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.’

B’digriet tas-17 ta’ Settembru 2008, gie kjamat fil-kawza Anthony Cassar, ir-ragel tal-konvenuta Bella Cassar, u minkejja li kien gie debitament innotifikat bl-avviz tat-talba u bl-avviz tas-smiegh, hu baqa’ ma dahhal ebda risposta, la deher, u lanqas ma kkontesta bl-ebda mod it-talba attrici.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi din hija kawza fejn is-socjeta’ attrici qed titlob li l-konvenuta tigi kkundannata li thallas is-somma ta’ hames mija u sbatax –il Euro u tnax –il centezmu (€517.12) dovuti in kwantu ghal erbgha mija u seba’ u erbghin Euro u erbgha u ghoxrin centesimi (€447.24) prezz tal-kiri ta’ vettura tal-ghamla KIA bin-numru ta’ registrazzjoni GAK-258 li kriet minghanda l-konvenuta, u in kwantu ghall disa’ u sittin Euro u tmienja u tmenin centesimi (€69.88) huma hlasijiet li s-socjeta’ attrici wettqet fi hlas ta’

kontravvenzjonijiet tat-traffiku li nhargu fuq il-vettura kemm il-vettura damet mikrija ghand il-konvenuta.

M’hemmx kontestazzjoni li l-konvenuta kriet din il-vettura minghand is-socjeta’ attrici wara li l-konvenuta kienet involuta f’habta bil-vettura taghha tal-ghamla BMW bin-numru ra’ registrazzjoni BEL-111, liema kirja saret pero’ fit-13 ta’ Novembru 2006, u l-vettura giet ritornata ghand is-socjeta’ attrici fl-20 ta’ Dicembru 2006, meta effettivament giet debitata l-konvenuta. Fi kliem il-konvenuta stess hija kriet din il-vettura billi dak iz-zmien kienet tiehu hsieb in-negozju li kellhom hi u zewgha, u li zewgha kien qalilha biex tfittex tmur tikri vettura ohra biex in-negozju jibqa’ ghaddej minghajr xkiel. Il-konvenuta ma ffirmat ebda kuntratt tal-kiri mas-socjeta’ attrici meta kriet il-karozza. Il-konvenuta spjegat ukoll fix-xhieda taghha li meta kriet din il-vettura ma nfurmatx lis-socjeta’ attrici li kienet qed tikriha ghan-nom ta’ xi kumpannija, u haditha bhala haga certa li kif kien isir is-soltu kellha tigi debitata l-kumpannija ta’ zewgha Town House Limited, u mhux hi personalment.

Il-principju generali hu li biex persuna li qeghda tikkontratta ma torbotx lilha nnifisha, ikun mehtieg li jigi pruvat li waqt il-kontrattazzjoni dik il-persuna indikat car u tond li qeghda tikkontratta ghal haddiehor. Jekk ma ndikatx dan espressament, almenu jrid ikun jirrizulta sodisfacentement li l-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi dik il-persuna qeghda tikkontratta f’isem haddiehor (ara sentenza Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet : **Zammit vs Rev. N. Okereke** tat-13 ta’ Lulju 1991, u sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet : **E. Borg et noe vs R. Schembri** deciza fit-28 ta’ Mejju 1973). Mehud in konsiderazzjoni tal-fatti fuq imsemmija u dak li xehedet il-konvenuta, dan it-Tribunal mhuwiex tal-fehma li meta sar il-ftehim ghall-kiri tal-vettura, il-konvenuta kienet ghamlitha cara li hija kienet qeghdha tikri din il-vettura ghan-nom tal-kumpannija Town House Limited. ‘Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f’dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta’ attrici kellhu jirrileva b’mod car u univoku illi f’dik il-kontrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f’ismu imma f’isem persuna ohra ben identifikata. Kellu jassigura li dan

il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tas-socjeta' attrici f'dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabilita' ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta (Qorti tal-Appell, **John Vella noe. vs Anthony Vella et**, 3 ta' Dicembru 1999). Fil-fatt l-*invoice* harget f'isem il-konvenuta. Mill-provi ma jirrizultax li qatt ingibdet l-attenzjoni tas-socjeta' attrici li l-klijenta ma kenitx il-konvenuta, izda l-kumpannija Town House Limited. Fi kliem il-konvenuta stess : '*When I went to hire the car I didn't mention to Pauline Spiteri that I was hiring the car on behalf of the company. I took it for granted that as usual, as we were usual customers of plaintiff company, I had taken it for granted that she was understanding that the car was being rented by Townhouse Limited*.' Gialadarba l-provi jindikaw li l-ftehim originali sar mal-konvenuta, il-piz tal-prova li kienet qeghda tiftiehem ghan-nom ta' haddiehor kien fuq l-istess konvenuta. Kif gie osservat, 'certi kazijiet huma ovvji, ohrajn huma mhux daqshekk ovvji, fejn hemm dubbju pero' wiehed kellu jipprezumi li persuna li qeda tikkuntratta kienet hekk qeda taghmel f'isimha proprio.' [Qorti tal-Appell, **Lawrence Formosa et nomine vs Silvio Felice**, 6 ta' Ottubru 1999].

Illi dan id-dejn gie kuntrattat fi zmien li l-konvenuta u l-kjamat fil-kawza kienu ghadhom jghixu flimkien u bejniethom kien hemm il-komunjoni tal-akkwisti. Fil-mori tal-kawza huma sseparaw minn xuxlin *a mensa et thoro* b'mod bonarju b'kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Josette Spiteri Cauchi tal-21 ta' Novembru 2009, fejn fost kundizzjonijiet ohra l-partijiet ftiehemu li : '*Any other liability or asset of the Community of Acquests not expressly mentioned above shall be at the charge or benefit of that party principally involved in contracting such liability or asset if such was contracted during the past three years ; any other liability or asset contracted peviously shall be at the charge or benefit of the husband*.' Jirrizulta mill-provi li l-vettura nkriet fit-13 ta' Novembru 2006, u giet ritornata fl-20 ta' Dicembru 2006. Matul dan iz-zmien kemm damet ghand il-konvenuta l-vettura nhargulha mhux inqas minn tliet citazzjonijiet dwar kontravvenzjonijiet tat-traffiku fit-18 ta' Novembru

2006, fid-29 ta’ Novembru 2006, u fis-16 ta’ Dicembru 2006. Fin-nuqqas ta’ kundizzjoni espressa fil-kuntratt ta’ separazzjoni dwar min mill-partijiet fuq dak il-kuntratt ghandu jaghmel tajjeb ghal dan id-dejn li jifforma l-meritu ta’ din il-kawza, u fid-dawl ta’ dak li gie pattwit bejn il-konvenuta u zewgha dwar dejn iehor li ma giex espressament imsemmi, dan it-Tribunal huwa tal-fehma li z-zewg partijiet ghandhom iwiegbu ghad-dejn lejn is-socjeta’ attrici solidalment bejniethom billi ghalkemm jirrizulta mill-provi li l-vettura kienet inkriet mill-konventa aktar minn tliet snin qabel ma gie ffirmat il-kuntratt ta’ separazzjoni, baqghet pero’ tinkera sal-20 ta’ Dicembru 2006, u l-istess jista’ jinghad ghaz-zmien meta saru l-kontravvenzjonijiet tat-traffiku fejn jirrizulta li tnejn mit-tliet kontravvenzjonijiet saru fi zmien matul l-ahhar tliet snin qabel ma gie ffirmat il-kuntratt ta’ separazzjoni filwaqt li kontravvenzjoni ohra saret il-fuq minn tliet snin qabel id-data tal-kuntratt.

It-talba attrici ghalhekk timmerita li tigi milqugha fil-konfront tal-konvenuta u l-kjamat fil-kawza solidalment bejniethom.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici, u jikkundanna lill-konvenuta Bella Cassar (illum *Van Dommelen*) u lill-kjamat fil-kawza Anthony Cassar solidalment bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u sbatax –il Euro u tnax –il centezmi (€517.12), ammont dovut ghar-ragunijiet imfissra fl-avviz tat-talba, bl-imghaxijiet fuq din is-somma li ghandhom jiddekrorru b’effett mid-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, kontra l-istess konvenuta u l-kjamat fil-kawza solidalment bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------